# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 13**

**Rikors numru 11/2015/3 AGV**

**Mary Anne Caruana**

**v.**

**Victor Caruana**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta l-appell li ppreżenta l-attur minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-6 ta' Novembru 2019 li biha l-ewwel Qorti ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet li żżewġu fid-29 ta' April 1989. Fiż-żwieġ kellhom erbat itfal. Illum wieħed mit-tfal biss

għadu minorenni peress li twieled fis-17 ta' Jannar 2004. Għalhekk għandu sbatax-il sena.

2. Fir-rikors ġuramentat preżentat fis-16 ta' Jannar 2015 l-attriċi lmentat li l-konvenut kien ħati ta' eċċessi, sevizzi, theddid u inġurji gravi li wassalha sabiex kellha titlaq mid-dar matrimonjali. Fir-rikors ġuramentat talbet sabiex:

> *"1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba moħqrija psikoloġika, eċċessi u inġurji gravi u kif ukoll talli ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli minħabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat.*
>
> *"2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iż-żewġ kontendenti okkorrendo għall-finijiet ta' dina t-talba, jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' diviżjoni, nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.*
>
> *"3. Tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha tal-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.*
>
> *"4. Tordna li l-kurat u kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi.*
>
> *"5. Tordna li l-intimat iħallas lill-attriċi rata ta' manteniment għaliha u għal binha l-minuri anke b'mod retroattiv stante illi l-konvenut naqas li jħallas manteniment kemm għaliha u kemm għal binha minuri.*
>
> *"6. Tawtorizza lill-attriċi tgħix fid-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha ad esklużjoni tal-intimat fid-dar matrimonjali."*

*3.* Il-konvenut wieġeb li:

> *"1. Illi t-talbiet attrici in kwantu li jimputaw xi tortijiet fuq l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti.*
>
> *"2. Illil-eccipjent jaqbel mal-ewwel talba attrici in kwantu li jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan mhux minhabba t-tortijiet dedotti kontrih.*

*"3. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghandha tigi tterminata u likwidata izda ghandha tigi ffissata d-data li minn dik id-data 'l quddiem l-attrici titqies li ddekadiet mill-jedd taghha li tiehu sehem minn dak kollu akkwistat bix-xoghol u bil-hila tal-eccipjent.*

*"4. Illi in vista tas-sueccepit, it-tielet talba attrici ghandha tigi michuda peress li ma jezistux l-element guridici sabiex jigu applikati kontrih is-sanzjonijiet previsti mill-artikoli msemmija. Ir-referenza ghall-Artikolu 50 hi zbaljata stante li l-Artikolu 50 kien thassar bis-sahha tal-Att XX1 tal-1993.*

*"5. Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda peress li mhux fl-interess tal- minuri li jigi fdat fil-kura u kustodja tal-attrici kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza salv access stabbilit fl-ahjar interess tal-istess tifel minuri.*

*"6. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda fejn jirrigwarda lill-attrici nnifisha peress li l-attrici ghandha ntrojtu bizzejjed mill-impjieg taghha sabiex tmantni ruhha. M'huwiex minnu li huwa naqas li jmantni lill-ibnu minuri stante li kien hu stess li ha hsiebu meta l-attrici telqet mid-dar u marret ghand terza persuna tas-sess maskili kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*"7. Illi s-sitt talba attrici ghandha tigi ukoll michuda stante li huwa l-eccipjent li ghandu jibqa' jabita fid-dar matrimonjali.*

*"8. Illi s-seba' talba attrici ghandha tigi michuda stante illi ma hemm ebda raguni ghaliex l-eccipjent ghandu jkollu access sorveljat u inoltre l-attrici hija zbaljata meta tirreferi ghall-Artikolu 57 (3) fir-rikors jipprovdi mod iehor u mhux ghall-access sorveljat u ghalhekk tali referenza fir-rikors kienet zbaljata u t-talba ghandha tigi skartata"*.

4. B'sentenza tas-6 ta' Novembru 2019 l-ewwel Qorti ddikjarat is-separazzjoni minħabba li l-konvenut hu responsabbli ta' moħqrija fil-konfront tal-attriċi; ordnat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u llikwidat l-istess; tat il-kura u kustodja tal-minuri lill-attriċi u aċċess għall-konvenut; ikkundannat lill-konvenut iħallas manteniment ta' €180 fix-xahar għat-tifel flimkien ma' nofs l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u saħħa, flimkien maż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Ordnat li l-ispejjeż għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

5. B'rikors preżentat fis-26 ta' Novembru 2019 l-attur appella mis-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi.

6. Permezz ta' risposta preżentata fl-14 ta' Jannar 2020 il-konvenuta wieġbet u appellat ukoll b'mod inċidentali.

**<u>L-ewwel aggravju.</u>**

7. L-ewwel aggravju hu fis-sens li fid-deċide tas-sentenza tal-ewwel Qorti ma saritx dikjarazzjoni li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

8. L-Art. 23 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *"23........ Il-parti operattiva tas-sentenza għandha tinkludi talbiet jew <u>l-eċċezzjonijiet li jkunu ġew deċiżi</u> u kull dikjarazzjoni maħsuba li tkun konklusiva jew vinkolanti".*

9. Ovvjament bis-sentenza appellata ġew deċiżi kemm it-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Ma setgħux jiġu deċiżi t-talbiet mingħajr deċiżjoni tal-eċċezzjonijiet.

10. Hu fatt li fil-parti dispożittiva tas-sentenza m'hemmx riferenza għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Dan jista' jiġi kkunsidrat bħala żball li ma jwassalx għal nullita` apparti li ma wassalx biex il-konvenut isofri xi

preġudizzju.  Minn qari tal-parti dispożittiva tas-sentenza hu ċar dwar kif l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża.

11. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tordna li fil-parti dispożittiva tas-sentenza tal-ewwel qorti wara l-kliem *"u tiddeċiedi billi"*, jiżdiedu l-kliem:

> *"tiċħad l-eċċezzjonijiet numru 1, 2, 3 (limitatament għal dak li jirrigwarda d-dekadenza skont l-art. 48 tal-Kodiċi Ċivili iżda tilqa' l-istess għall-kumplament tal-eċċezzjoni), 4, 5, u 7 filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni numru 5 in kwantu tirreferi għall-attriċi u l-eċċezzjoni numru 8"*.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

12. Dan l-aggravju jitratta dwar ir-responsabbilta` tal-konvenut għall-firda. Jilmenta li l-ewwel Qorti kellha quddiemha żewġ verżjonijiet. Spjega li dik tal-konvenut hi li:

> *"... huwa rreaġixxa għaċ-ċirkostanzi fejn martu kellha kunfidenzi ma' raġel li saħansitra telqet mid-dar u marret toqgħod għandu u ħalliet warajha mhux biss lil żewġha iżda wkoll lil binha minuri li għamel bosta xhur igħix ma' missieru l-Esponent sakemm dan tal-aħħar ma felaħx iżjed u kien ġie rekoverat l-Isptar Monte Carmeli. Il-verżjoni tal-Appellati kienet ġiet korroborata minn ħadd ħlief l-istess raġel li miegħu l-Appellata kellha u għad għandha relazzjoni. Dik tal-Esponent kieent ġiet korroborata kemm mix-xhieda prodotti minnu kif ukoll mill-Appellata nnifisha li kemm fixx-hieda li tat waqt il-konsiderazzjoni ta' rikors li kienet ippreżentat waqt il-proċeduri tal-medjazzjoni kif ukoll fix-xiehda li tat f'din il-kawża ċar u tond li hija kienet marret toqgħod għand it-terza persuna l imiegħu kellha ħafna kunfidenza. L-ewwel Onorabbli Qorti skartat il-provi tal-Esponent minkejja l-valur probatorju qawwi tagħhom u ma għamlitx eżerċizzju profond biex tevalwa l-provi u b'mod partikolari min mill-partijiet kienet qiegħed igħid il-verita' jew le – li kieku għamlet dan l-eżerċizzju kienet mill-ewwel tisabbilixxi li l-Appellata tul il-proċess kollu mill-fażi tal-medjazzjoni 'l hawn ma kinitx instabet kredibbli mill-ewwel Onorabbli Qorti diversament presjeduta u t-talbiet tagħha li kienet għamlet fid-diversi rikorsi li kienet ippreżentat ma kinux ġew milqugħin. Saħansitra kienet anke gidbet meta qalet li hija ma kinitx taħdem.*

*"Ir-rapporti magħmula lill-Pulizija Eżekuttiva li l-appellata ppreżentat sabiex issostni l-allegazzjoni tagħha ta' moħqrija, ikopru biss il-perijodu meta kienu nbdew il-proċeduri għas-separazzjoni u ċjoe' bejn it-28 ta' Awissu 2012 u l-11 ta' Mejju 2013 (ara fol. 1040150), il-perjodu fejn il-konjuġi kien ikollhom id-diżgwid bejniethom. Dan id-diżgwid kellu kollu kemm hu x'jaqsam mal-fatt li martu kienet infidili miegħu.*

*"L-Ewwel Onorabbli Qorti skartat ukoll l-importanza tar-rapport peritali. Kienet xotta ħafna meta fis-sentenza rreferiet għar-rapport tal-periti li ħatret hija stess biex jirrelataw dwar l-istat mentali tal-Esponent. Fil-fehma umli tal-Esponent, l-ewwel Onorabbli Qorti nterpetat ħażin il-konklużjonijiet tal-periti fejn kellu x'jaqsam mal-kundizzjoni li huma sejħu 'obsessionality'. Dik il-Qorti qalet li l-Esponet kien 'tip ta' persuna possessiv li jgħir ħafna għall-attriċi'. Bir-rispett kollu dovut, il-periti mkien ma qalu li huwa kien igħir għal martu. Il-periti fit-tielet konklużjoni tgħhom huma u jibbażaw ruħhom fuq dak li xehdu viva voce bin l-espnoent u omm l-appella jgħaidu hekk: "Fuq l-akkużi li ġab ta' infedelta jidher ... allura li probabbilment dan seta' fil-fatt sar u ma huwa framment ta' psikożi jew delużjoni". Minkejja din il-konklużjoni qawwija tal-periti, iżda l-ewwel Onorabbli Qorti għażlet li tiskartha u ppretendiet erronjament li l-Esponent kellu jippreżenta kontro-talba biex hija tagħti l-piż neċessarju dwar kemm l-Appellata kienet responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ. Mir-rapport tal-periti kif ukoll mill-atti ħareġ ċar li l-Esponent ma riedx jaċċetta li hu u martu jisseparaw u għalhekk ma ħassx il-ħtieġa li jagħmel kontro-talba".*

*13.* Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien dan:

*"L-attrici tattribwixxi l-vjolenza lura sal-gherusija meta riedet thassar minn mal-konvenut, izda l-genituri taghha kienu jopponu ghal dan u baqghet sakemm izzewwgitu. Ir-raguni li taghti l-attrici ghalfejn telqet mid-dar matrimonjali u telqet lill-konvenut kien kollu minhabba l-iswat. Gew esebiti diversi rapport tal-pulizija fejn l-attrici kienet irrapportat lill-konvenut li meta interrogat mill-pulizija ma kienx cahad li kien refa' idejh fuq martu.*

*"Dr. Joseph Cassar u Dr. Keith Borg hejjew rapport wara li saru diversi laqghat mal-partijiet u kkonkludew li l-konvenut huwa tip ta' persuna possessiva li jghir hafna ghall-attrici. Wara li telqitu kien waqa' f'depressjoni u kien spicca ghal xi perjodu f'Mount Carmel.*

*"Minkejja li l-konvenut ikompli jinnega li kien uza' l-vjolenza fuq l-attrici, hi ressqet ukoll xhieda li kienu konsapevoli ta' dan, fosthom li kien ghamel zmien jahdem mieghu. L-attrici tant kienet mbezza' li xorta wahda telqet mid-dar u kienet torqod barra, tant kemm kienet iddisprata.*

*"Ghalhekk, dan jindika li l-attrici batiet hafna f'dan iz-zwieg kemm emozzjonalment kif ukoll fizikament. Jekk kienet tikkontrarja l-konvenut kien jerfa' idejh fuqha u l-fatt li dina t-tip ta' hajja kienet saret ta' piz*

*ghaliha, ma kienx jaghti lok ghalihom li jibqghu flimkien. Fil-fatt, hemm rapport mal-Appogg u kienet ghamlet zmien tghix f'Ghabex.*

*"Ghalhekk, thoss li hemm ragunijiet ta' mohqrija kommessa mill-konvenut li jistghu jikkonfermaw li hu kien responsabbli ghat-tifrik fiz-zwieg.*

*"Il-konvenut ittenta jibbaza l-kaz tieghu fuq tortijiet imputabbli lilu, partikolarment l-adulterju, izda madanakollu ma pprezentax kontro-talba u lanqas ma ppremetta li l-attrici ghandha tinzamm responsabbli ghas-separazzjoni. Jinnega biss li huwa l-kagun tas-separazzjoni".*

14. L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit (fol. 82) u ma jirriżultax li sarilha kontro-eżami. Qalet li l-konvenut *"ta' sikwit refa' jdejh fuqi; kemm-il darba tani daqqi fuq ħalqi. Jien kont inżomm lura peress li t-tfal kienu għadhom żgħar ħafna. Meta t-tfal bdew jikbru kienu huma li qabżu għalija".* Meta xehdet f'proċeduri oħra f'seduta li saret fl-24 ta' Lulju 2013 (Maryanne Caruana vs Victor Caruana 34/2013), qalet li l-konvenut kien żgur ilu għaxar snin jerfa' jdejh fuqha (fol. 64). Il-Qorti tosserva kif:

i. L-attriċi ma ressqitx lit-tfal bħala xhieda sabiex jikkoraboraw dak li qalet;
ii. Għalkemm ippreżentat rapporti li għamlet lill-pulizija, l-ewwel wieħed hu dak datat 23 ta' Awwissu 2012 (fol. 104) ċioe` wara iktar minn għoxrin sena żwieġ;

15. Jibqa' il-fatt li hu ċar li l-partijiet kienu ilhom snin bi problemi fiż-żwieġ. Hemm per eżempju l-affidavit ta' John Mary Grima, ħu l-attriċi (fol. 923). Fl-istess sens hu l-affidavit ta' John Muscat (fol. 905) li spjega kif il-

konvenut kien juri nuqqas ta' rispett lejn l-attriċi. Saħansitra spjega kif f'okkażjoni minnhom ra bi tbenġil *"... minn tul idha kollha sa għonqha. Meta staqsejtha xi ġralha, rajtha bi dmugħ f'għajnejha u qaltli li kien żewġha Victor li għamlilha hekk"*. L-atteġġament xejn floku tal-konvenut fil-konfront ta' martu tirriżulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Nicholas Muscat (fol. 821). Xhieda li ma sarilhom l-ebda kontro-eżami.

16. Fir-rikors tal-appell il-konvenut argumenta li *"huwa rreaġixxi* (*recte*, irreaġixxa) *għaċ-ċirkostanzi fejn martu kellha kunfidenzi ma' raġel"*. Il-vjolenza, f'kull forma, qatt m'hi ġustifikata. F'rapport tal-pulizija datat 23 ta' Awwissu 2012 (fol. 104) jingħad li dakinhar l-attriċi flimkien mal-konvenut marru l-għassa tal-pulizija, u rraportat li:

> *"..... fid-19.08.2012 għal ħabta ta' 12:05HRS, hija kellha argument mar-raġel ġod-dar u dan qabadha minn ġenbha, tefagħha fuq is-sodda u beda jagħtiha bil-ponn. Hija żiedet tgħid li marret tieħu parir mingħand l-avukat fejn kien kiteb ittra lilu u ehmeż ukoll ċertifikat mediku miegħu. Ġara iżda li x'ħin irritornat lura d-dar, hija sabet lir-raġel jistenniha u dan għaffeġ il-karti li kien irċieva. Gibdilha xagħra u gidimha fejn il-minkeb.*
>
> *"Il-pulizija kelmet lil Victor fejn stqarr li qed ikollu ħafna argumenti ma' martu u hija ma tikkalkulahx. Huwa ġie mwissi biex ma jerġax jerfa' jdejh fuq martu."*

17. Rapport li jagħti lill-Qorti x'tifhem li l-konvenut kien ammetta li refa' jdejh fuq martu. Dwar dan il-każ il-konvenut ma qal xejn fl-affidavit. Iktar minn hekk fl-24 ta' Lulju 2013 xehed fil-proċeduri <u>Mary Anne Caruana v. Victor Caruana</u> (34/2013/1) u qal (fol. 55):

> *"Fid-dsatax ta' Awissu jien tlabtha spjegazzjoni ta' dik il-karta x'inhi. Kien il-Ħadd qabel l-ikel. Bdiet tgħidli li l-ewwel ivvintajtha jien, li dik il-firma*

> *mhux tiegħi. Imbagħad dik li ġara. Jien żammejtha u għax għamiltilha erba' tbenġiliet, fis-sagħtejn, telqet mid-dar tagħmel rapport".*

18. Il-kliem *"....... u għax għamiltilha erba' tbenġiliet, fis-sagħtejn, telqet mid-dar tagħmel rapport"*, fihom infushom jagħtu messaġġ ċar li għall-konvenut ma ġara xejn meta refa' jdejh fuq martu u kellha t-tbenġil. Biex il-konvenut jitkellem hekk għall-Qorti hu evidenti li m'għandux rispett għall-attriċi. Fl-affidavit xehed b'ton ferm differenti, *"Peress li l-Ħadd sfurzajt magħha u żammejtha ħareġ xi tbenġil f'idejha"* (fol. 914). Il-Qorti m'hijiex konvinta mill-kelma *'żammejtha"*. M'hemm l-ebda prova li per eżempju l-attriċi ħebbet għall-konvenut u kellu jżommha biex ma taggredihx. Probabbilment it-tbenġil kien b'riżultat tal-fatt li l-konvenut refa' jdejh fuq martu. Dak li xehed fl-affidavit ma jbiddilx dak li l-konvenut xehed fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2013 fil-proċeduri 34/2013/1. Għalkemm il-konvenut ipinġi lilu nnifsu bħala ħaruf li hu vittma ta' martu, il-Qorti ma temmnux. L-inċident li seħħ fid-19 ta' Awwissu 2012 u li dwaru sar rapport lill-pulizija (fol. 104) u ċertifikati mediċi (fol. 21 sa 23) fejn hemm elenkat it-tbenġil li sofriet l-attriċi f'inċidenti oħra qabel dak ta' Novembru 2012, ikomplu jsaħħu l-konvinċiment ta' din il-Qorti li kien hemm moħqrija da parti tal-konvenut.

19. B'riferenza għar-rapport tal-psikjatra Dr Joseph Cassar inkarigat mill-ewwel Qorti sabiex *"... jeżamina l-allegazzjoni tal-konvenut Caruana li għandu patoloġija mentali"*, il-konklużjoni hi:

> *"1....... Huwa jidher ibati minn dak li fil-psikjatrija jissejjaħ obsessionality imma ma jidhirx li għandu biżżejjed sintomi għad-dijanjożi ta' Obsessive Compulsive Personality Disorder. Minħabba l-obsessionality tiegħu jidher li kien pussessiv u riġidu u għalhekk jidher li martu Maryanne Caruana kienet ilha tħossha fgata fiż-żwieġ.*
>
> *"2. Jidher ċar li ż-żwieġ sfaxxa beyond repair u għaldaqstant is-sur Caruana għandu jiġi mgħejjun psikoloġikament sabiex jaċċetta dan il-fatt diffiċli u jkun jista' jimxi 'l quddiem.*
>
> *"3. Fuq l-akkużi li ġab ta' infedelta' jidher li sakemm it-tifel Malcolm Caruana u omm l-attriċi mhux qed jigdbu, allura jidher li probabbilment dan seta' fil-fatt sar u ma huwiex framment ta' psikożi jew delużjoni"*.

20. Rapport li fih innifsu jkompli jsaħħaħ il-provi li hemm kontra l-konvenut dwar l-atteġġament tiegħu fil-konfront ta' martu.

21. Il-konvenut ilmenta li l-Qorti qalet li l-konvenut kien *"jgħir ħafna għall-attriċi"*. Filwaqt li fir-rapport ma intużatx il-kelma *'jgħir'*, pero` dik il-kelma m'hijiex barra minn postha meta tikkunsidra li l-perit mediku qal li l-konvenut kien *"pussessiv u riġidu"*. L-għira toħroġ meta persuna tkun pussessiva.

22. Li l-attriċi kellha kunfidenzi ma' Nicholas Muscat hu evidenti minn dak li qalu x-xhieda (binha Malcolm Caruana, ħuha John Mary Grima u ommha Maria Grima). Hu veru li jidher li dawk il-persuni m'għandhomx relazzjoni tajba mal-attriċi. Madankollu ħadd minnhom ma sarlu kontro-eżami, u għalhekk il-kredibilta` tagħhom ma ġietx attakkata. Dan apparti li l-Qorti ma ssibx kredibbli dak li rrakkontat l-attriċi li fis-17 ta' Novembru

2012 marret torqod id-dar ta' Nikol Muscat għaliex ma kellhiex fejn torqod (fol. 84).

23. Madankollu l-ewwel Qorti kellha raġun tosserva li ma kienx hemm talba mill-konvenut sabiex il-qorti tiddikjara li l-firda seħħet minħabba ħtijiet imputabbli lilha. F'kull każ m'hemmx prova ċara meta bdew il-kunfidenzi bejn l-attriċi u Nicholas Muscat filwaqt li l-provi juru li l-inkwiet matrimonjali kienu ilu s-snin għaddej.

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

24. Dan l-aggravju hu dwar il-kura u kustodja tat-tifel minuri. Il-konvenut irid li jkollu l-kura u kustodja flimkien mal-attriċi.

25. L-ewwel Qorti ddeċidiet li l-kura u kustodja tkun fdata f'idejn l-attriċi. Il-Qorti fehmet li l-partijiet ma jitkellmux. Meħud ukoll in konsiderazzjoni li skont ma' qalet l-ewwel Qorti t-tifel qiegħed igħix mal-attriċi, il-Qorti ma ssib xejn irregolari fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Hu veru li inizjalment it-tifel kien baqa' jgħix mal-konvenut, madankollu mill-atti l-Qorti ma' ħaditx l-impressjoni li kien qiegħed jikkurah kif suppost. F'dan l-aggravju l-konvenut ma ressaq l-ebda argument li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li għandu wkoll ikollu l-kura u kustodja tat-tifel, li f'kull każ fil-bidu tas-sena d-dieħla jsir maġġorenni.

**<u>Ir-raba' aggravju.</u>**

26. L-aħħar ilmenta tal-konvenut jikkonċerna l-komunjoni tal-akkwisti u ġid parafernali. Fir-rikors tal-appell argumenta hekk:

> *".... l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tappunta l-perit sabiex jistabbilixxi fhix kienet tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, jidentifika l-attiv parafernali u l-passiv li tiegħu huma responsabbli konjuġi flimkien u in solidum bejniethom u fl-aħħar nett jirrelata lill-Qorti bi pjan li jinkludi wkoll rifużjoni ta' flejjes maħruġa mill-esponent li kienu ġew investiti fil-proprejta' parafernali tal-appellata. Jidher li bi zvista minkeja li intalab mill-appellata fir-rikors promotur tagħha, l-ewwel Onorabbli Qorti ma appuntatx il-Perit sabiex jirrelata f'dan is-sens u għaddiet għall-ġudizzju minkejja li kienet innutat nuqqasijiest biex hija tkun tista' tasal biex tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti".*

*27.* Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:

> *"Huwa fatt ikkonfermat mill-provi li l-genituri tal-attrici kienu tawha bicca art li imbaghad il-partijiet zvillupawha. Omm l-attrici tghid li bintha ma kellhiex bizzejjed flus sabiex tibni d-dar u kienet inbniet mill-flus tal-konvenut qabel iz-zwieg u dan kienet tafu ghax kienet tamministra l-flus tal-attrici u bhala fatt kienet taf li ma kellhiex bizzejjed flus biex tibni l-post. In kontradizzjoni ta' dan, l-attrici stqarret li missierha kien taha l-flus biex tghinha tibni l-post.*
>
> *"Minkejja li kemm omm l-attrici u l-konvenut, li jikkorrobora l-verzjoni taghha jghidu li hu hareg il-flus biex bena d-dar matrimonjali ma ngabux provi tal- ispejjes li kienu involuti f'dan il-bini sabiex tikkonvinci l-Qorti li ghandu jkun hemm prelevament favurih ghal dawn l-ispejjes.*
>
> *"Din il-Qorti tiddeplora l-mod kif gew imexxija l-proceduri. Hemm nuqqas ta' provi konkreti biex twassal dina l-Qorti tillikwida u tassenja l-komunjoni tal- akkwisti. Mill-dokumenti tal-banek jirrizulta li kien hemm xi poloz pero' dawn ma ssemmewx fl-ebda hin mill-partijiet. Kien fid-dmir taghhom jindikaw lil dina l-Qorti jekk ghadhomx miftuhin jew le. Il-partijiet ma jistghux jippretendu li l-Qorti tiehu sehem f'"guessing game." Trid tigi gwidata u jkollha platt mimli bi probabilitajiet u fatti konkreti li jistghu jwassluha ghad-decizjoni finali.*
>
> *"Ghalhekk se jkollha tillimita ruhha ghal dawk il-provi konkreti li jistghu jaghtu stampa aktar cara tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*"i) Dwar il-kontijiet bankarji msemmija aktar 'l fuq, dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet;*

*"ii) Bhala vetturi jirrizulta li hafna minnhom illum huma ggaraxxjati jew "scrapped." It-Transport Malta gabet provi li f'isem il-konvenut illum hemm tlett vetturi, Renault 12 bin-numru ta' registrazzjoni ACD 856, Bedford TL b'numru ta' registrazzjoni EAV 536 u Peugeot 106, b'numru ta' registrazzjoni HAW 851.*

*"Ghal darb'ohra dina l-Qorti m'ghandhiex hjiel tal-valur ta' dawn il- vetturi u mill-provi jirrizulta li l-attrici ssuq pero' mhux car jekk il-vettura kinitx wahda minn dawn. Ghaldaqstant, ghandha ssir valutazzjoni tal-vetturi minn surveyor u dik il-vettura li hi eqreb nofs il- valur tal-vetturi l-ohra ghandha tigi assenjata lill-attrici.*

*"iii) Il-kreditu dovut minn Green MT li jammonta ghal €43,135.92 li ilu ma jithallas mis-17 ta' Jannar, 2014 lill-partijiet ghandu jinqasam bejniethom. Il-Qorti tissottolineja li peress li Joseph Attard, li xehed in rappreżentanza tas-socjeta' Green MT, stqarr li kien hemm diskrepanza bejn l-ammont pretiz mill-avukat tal-partijiet u l-ammont skond il- kalkoli taghhom ta' €222.50 u ma ngabux provi kontradditorji, qed tibbaza l-kreditu fuq l-ammont kif ikkalkolat mis-socjeta' Green MT, inkluz l-imghaxijiet peress li llum ghadda z-zmien".*

28. Fl-istadju tal-appell il-konvenut ippreżenta rikors li bih talab lil din il-Qorti sabiex tawtorizzah jippreżenta dokumenti li kien sab u li jagħtu prova li għandu jedd jirkupra spejjeż li għamel qabel iż-żwieġ biex inbnew id-dar matrimonjali u l-garaxx fuq art li kienet parafernali tal-appellata. B'digriet tat-28 ta' Jannar 2021 din il-Qorti ċaħdet it-talba għar-raġunijiet li jissemmew fl-istess digriet.

29. Quddiem l-ewwel Qorti l-partijiet kellhom l-opportunita` li jressqu l-provi kollha li riedu. M'għandux ikun li appellant juża l-appell biex isir dak li kellu jsir quddiem l-ewwel Qorti li ddeċidiet a bażi tal-provi li ressqu l-partijiet. L-attur xehed b'affidavit li ppreżenta waqt seduta li saret fl-14 ta'

Mejju 2018. Fih ma ta l-ebda tagħrif dwar spejjeż li jsostni li għamel fil-proprjeta` parafernali tal-attriċi. Xehed ukoll *viva voce* fis-seduta tad-9 ta' April 2019 u l-istess baqa' ma ta l-ebda tagħrif. Għalkemm skont il-verbal ta' dik is-seduta l-Qorti tatu sat-30 ta' April 2019 sabiex *"jippreżenta dokumenti li fuqhom xehed"*, baqa ma ppreżenta xejn u lanqas m'għamel xi talba biex jingħata iktar żmien. Ma jistax illum jinqeda bl-appell biex jipprova jsir dak li suppost kellu l-obbligu li jagħmel fl-istadju meta l-kawża kienet qiegħda quddiem l-ewwel Qorti.

**<u>L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali.</u>**

30. L-attriċi talbet korrezzjoni fil-ħin tal-aċċess li fis-sentenza jingħad li hu, *"…. darba fil-ġimgħa nhar l-Erbgħa bejn l-4.30 sas-7.30 am u darba s-Sibt jew il-Ħadd b'mod alternattiv bejn id-9.00 am sas-6:00pm"*.

31. Evidenti li hemm żball, fis-sens li l-aċċess ta' nhar ta' Erbgħa jkun bejn l-4:30 sas-7:30 pm. F'kull każ issa li t-tifel għandu sbatax-il sena għandu jkun liberu li jara u jqatta' ħin ma' missieru kemm jixtieq.

**<u>It-tieni aggravju tal-appell inċidentali.</u>**

32. L-attriċi ilmenta li l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż tal-kawża inqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

33. Il-prinċipju ġenerali hu li sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż (Art. 223(1) tal-Kap.12). F'dan il-każ it-tellief kien il-konvenut. Għalkemm hu veru li l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet u s-seba' talba tar-rikors ġuramentat. Pero` dawk it-talbiet kienu sussidjarji għat-talbiet prinċipali għat-talbiet prinċipali.

34. L-ewwel Qorti ma tatx raġuni għalfejn l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jinqasmu nofs bin-nofs.

35. Fiċ-ċirkostanzi ġialadarba l-konvenut ingħata l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi skont l-Art 223(1) tal-Kap. 12.

Għaldaqstant, tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tal-konvenut u tiċħad il-kumplament tal-aggravji. Tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Novembru 2019 fis-sens li wara l-kliem *"u tiddeċiedi billi"* għandhom jiżdiedu l-kliem: *"tiċħad l-eċċezzjonijiet numru 1, 2, 3 (limitatament għal dak li jirrigwarda d-dekadenza skont l-art. 48 tal-Kodiċi Ċivili iżda tilqa' l-istess għall-kumplament tal-eċċezzjoni), 4, 5, u 7 filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni numru 5 in kwantu tirreferi għall-attriċi u l-eċċezzjoni numru 8"*. B'referenza għall-appell inċidentali tal-attriċi tilqa' l-aggravji u tvarja s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2019 fis-sens li l-aċċess għat-tifel nhar ta' Erbgħa jkun bejn l-4:30 pm sas-7:30 pm u l-ispejjeż tal-ewwel sentenza

huma a karigu tal-konvenut. Spejjeż tal-appell u appell inċidentali huma wkoll a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr